MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)
## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 111/2013

**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion LL.D.**

**Illum 27 ta' Marzu 2014**

Rikors Guramentat Nru. 111 / 13RGM

Kawza fil-lista: 15

**A maghrufa wkoll bhala B C**
**f'isimha proprju u f'isem bintha D C**
**vs**
**1. E C**
**2. F G**
**3. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat, ipprezentat fil-11 ta' Gunju 2013 li permezz tieghu l-attrici ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fis-27 ta' April 2011 l-esponenti weldet lil bintha D C u fl-Att tat-twelid taghha il-missier huwa muri bhala E C, ir-ragel taghha;

2. Illi fil-fatt il-minuri msemmija hija frott relazzjoni extra matrimonjali li kellha mal-konvenut F G.

3. Illi ghalkemm ghaddew aktar minn sitt xhur mit-twelid tat-tarbija l-esponenti inghatat il-permess relattiv biex tmexxi b'din il-kawza b'digriet tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2013;

Talbet lil din il-Qorti:

i. Tordna t-tiswija mehtiega fl-att tat-Twelid ta' D C - numru progressiv 1565 ta' l-2011 - billi fil-kolonna "isem u kunjom" ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-taghrif dwar missier it-tarbija jithassru l-kliem "E C" u l-konnotati tieghu u minflok jiddahhlu l-kliem "F G" u l-konnotati tieghu.

Bl-ispejjes kontra l-intimati mharrka minn issa in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat l-elenku tad-dokumenti pprezentati;

Rat ir-risposta guramentata[1] tad-Direttur Tar-Registru Pubbliku li permezz taghha ecceppixxa is-segwenti:

1. Illi preliminarjament jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri D C, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti A C f'isimha trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri D C, kellha relazzjoni extramaritali ma' F G u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jindikaw lil F G bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri D C, u dan *ai termini* tal-Artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] a folio 22

3. Illi dejjem, minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri D C ma' jaqbilx mal-Att tat-Twelid taghha;

4. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li jintlaqghu t-talbiet attrici l-esponent jinvita lil F G sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjament (1) l-eta' tieghu meta twieldet il-minuri D C, (2) il-post tat-twelid tieghu, (3) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmiha minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita D C;

5. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-minuri D C trid taghzel liema kunjom ha zzomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

6. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponeneti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota[2] tal-konvenut F G li permezz taghha ammetta li huwa l-missier naturali tal-minuri D C.

Rat l-affidavit u r-rapport[3] pprezentat mid-Dottoressa Marisa Cassar fejn ikkonfermat bil-gurament li mill-analizi tad-DNA minnha maghmula jirrizulta li l-konvenut F G hu l-missier naturali tal-minuri D C;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-19 ta' Frar 2014[4] fejn il-konvenut ta dettalji tal-konnotati tieghu u fejn intalab li f'kaz li t-talbiet attrici jigu milqugha il-minuri tkun maghrufa bil-kunjom "G";

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

---

[2] a folio 27
[3] a folio 29
[4] a folio 33

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici, mizzewga lill-konvenut E C, qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla D C li twieldet fis-27 ta' April 2011 u li fl-att tat-twelid taghha giet registrata bhala bint l-imsemmi E C hija fil-fatt bint il-konvenut F G.

**Provi**
Illi mill-provi jirrizulta illi l-attrici u zewgha kienu isseparaw de facto f' Marzu 2007 u xahrejn wara l-attrici bdiet relazzjoni mal-konvenut F G li ghadha ghaddejja sallum. Minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri D fis-27 ta' April 2011.

Fit-18 ta' Frar 2014, l-analista Dr Marisa Cassar ezebit 'DNA Paternity Report' rliaxxat minnha, li jiccertifika li l-probabilita' li F G huwa missier naturali tal-minuri D C hi ta' 99.9999%.

**Konsiderazzjonijiet**
L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-artikolu 77B tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Una volta l-azzjoni promossa mill-attrici hija ntiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid il-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-dikjarazzjoni ta' paternita twassal ghal kreazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

Ghalkemm l-artikolu 77B fuq citat jistipula li f'kawzi ta' din ix-xorta il-minuri ghandu jkun konvenut, fil-kawza odjerna il-minuri kienet rapprezentata f'dawn il-proceduri minn ommha l-attrici. Minn dak li rrizulta f'dawn il-proceduri ma jirrizultax illi dan kien ta' pregudizzju ghad-drittijiet tal-minuri. Il-partecipazzjoni tal-minuri bhala attrici fil-kawza jaghmlu l-gudizzju integru.

Fit-tieni eccezzjoni tieghu id-Direttur konvenut eccepixxa illi sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi jehtieg li jigi ppruvat li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri l-attrici kellha relazzjoni extra-matrimonjali ma' F G u provi ohra bhal DNA test. Dawn iz-zewg rekwiziti gew sodisfatti bix-xhieda tal-attrici u tal-konvenut F G u xhud iehor kif ukoll permezz tad-DNA paternity report.

Fit-tielet eccezzjoni tieghu id-Direttur konvenut eccepixxa illi biex l-azzjoni attrici tirnexxi jehtieg ukoll li jigi ppruvat li l-pussess ta’ stat tal-minuri ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha. Dan ir-rekwizit huwa wkoll sodisfatt peress li rrizulta li mit-twelid taghha il-konvenut F G dejjem kien maghruf bhala missierha filwaqt li c-certifikat tat-twelid taghha jghid li missierha huwa l-konvenut E C.

Ezaminati l-provi imressqa il-Qorti tikkonkludi illi gew sodisfatti r-rekwiziti stipulati mill-artikolu 77B tal-Kap 16 u ghalhekk it-talbiet attrici jisthoqq li jigu akkolti.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mir-risposta tad-Direttur konvenut billi tilqa’ t-talbiet attrici u tordna t-tiswija mehtiega fl-att tat-Twelid ta' D C - numru progressiv 1565 ta' l-2011 - billi fil-kolonna "isem u kunjom" ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-taghrif dwar missier it-tarbija jithassru l-kliem "E C" u l-konnotati tieghu u minflok jiddahhlu l-kliem "F G" u l-konnotati tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-attrici A C u l-konvenut F G in solidum bejniethom.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------